**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 280/2024 AF**

**Raymond Atkins u Verginia Atkins**

**vs**

**Alexander *sive* Alex Mercieca**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Raymond Atkins u Verginia Atkins, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Permezz ta' ftehim datat 15 ta' Lulju 2020 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), l-intimat kien obbliga ruhu versu r-rikorrenti li jhallas penali fis-somma ta' €3750 (tlett elef seba' mija u hamsin Ewro) ghal kull xahar ta' dewmien da parti tal-intimat milli jlesti l-izvilupp mertu tal-att pubbliku datat 20 ta' Settembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dorian Sciberras (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B).

L-izvilupp imsemmi gewwa Triq l-Isptar, G'Mangia ghadu sad-data tal-lum mhux lest, anzi ghadu anqas inbeda, u dana ghal ragunjiet interament imputabbli lill-intimat.

Da parti tal-intimat huwa hallas il-penali, skond il-ftehim tal-15 ta' Lulju 2020, ghax-xhur bejn Settembru 2020 u Mejju 2021.

Il-penali, skond il-ftehim tal-15 ta' Lulju 2020, ghax-xhur ta' Gunju 2021 sa Mejju 2023 huma l-mertu tal-kawza fl-ismijiet Raymond Atkins et vs Alexander *sive* Alex Mercieca (ID85363M) bir-Rikors Guramentat Numru: 846/2023AJD deciza fis-17 ta' Novembru 2023 u li ghaddiet in gudikat.

Sad-data tal-prezentata ta' dina l-kawza saru dovuti l-penali, skond il-ftehim tal-15 ta' Lulju 2020, ghax-xhur ta' Gunju 2023 sa Frar 2024, li b'kollox jammontaw ghal disa' (9) xhur ulterjuri ta' dewmien soggetti ghall-hlas tal-penali fis-somma ta' €3750 (tlett elef seba' mija u hamsin Ewro) ghal kull xahar.

Ghalhekk l-ammont ta' penali dovuti ghax-xhur ta' Gunju 2023 sa Frar 2024 jammontaw ghal €33,750 (tlieta u tletin elf seba' mija u hamsin Ewro).

L-intimat nonostante li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan id-debitu, anke permezz tal-ittra ufficcjali, baqa' inadempjenti.

Dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €33,750 (tlieta u tletin elf seba' mija u hamsin Ewro), rapprezentanti l-penali dovuti, skond il-ftehim tal-15 ta' Lulju 2020, ghax-xhur ta' Gunju 2023 sa Frar 2024, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv u dana bl-oghola rata skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandati ta' Sekwestru prezentat kontestwalment, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li minkejja li saret id-debita notifika l-intimat baqa' ma ressaq ebda kontestazzjoni ghall-kawza.  Lanqas ma deher fl-udjenza.  Ikkunsidrat illi l-affidavit u dokumenti pprezentati wasslu lil din il-Qorti ghall-fehma li t-talba hija gustifikata u ghandha tintlaqa'.

Ghaldaqstant, il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Alexander *sive* Alex Mercieca ihallas lil Raymond u Verginia Atkins is-somma ta' tlieta u tletin elf seba' mija u hamsin Ewro (€33,750), bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Alexander *sive* Alex Mercieca.

IMHALLEF

DEP/REG